**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 27 ta' Marzu, 2025**

**Kawża Numru: 7**

**Rikors Guramentat Numru:- 815/2020 JVC**

Franco Buttigieg (ID 139463M), Thomas Agius Vadala (ID 0157656M) f'ismu u f'isem l-assenti Emilia sive Mila armla ta` Dr Antonio Pignatelli (numru tal-Passaport Malti 1143688), Maria Aloisia sive Marisa mart Lieutenant Colonel Anthony Hayhurst (ID 0438549M), Christine mart Dr Hugh Peralta (ID 0550351M), John Agius Vadala (ID 0373161M), Franco Stilon Depiro (ID

389032M), Dr Mario Stilon de Piro (ID 0271928M), Caroline mart Andrew Magri Overend (ID 480960M) f'isimiha u f'isem oħtha Josephine Helen sive Jocelyne Abela, (numru tal-Passaport Malti 1156805), Maria armla tal-Professur Prim Imħallef Emeritus Giuseppe Mifsud Bonnici (ID 523436M), Rudolph Stilon (ID 227128M), Anna Maria armla tal-Perit Arkitett Rene' .Buttigieg (ID 92835M), u l-istess Franco Buttigieg għan-nom u in rappresentanza ta' Lea armla ta` Dr Henry Harding (numru tal-passaport Awstraljan M 9280962) u ta Dr Giovanni Cremona (numru tal-passaport Awstraljan M 6457720), Stefan Stilon (ID 417265M), Stefana sive Stephanie armla ta` Dino Stilon (ID 294742M),

u

Igino Trapani Galea Feriol (ID 647842M), Dorothy Trapani Galea (ID 766332M), il-Perit Nicholas Bianchi (ID 528860M) f'ismu personalment u f'isem il-kuġini assenti tiegħu Colin, Christopher u John aħwa Huber, Anne Marie mart Dr Anton Tabone (ID 386367M) u l-istess Perit Nicholas Bioanchi u Dr Nicholas Trapani Galea Feriol (ID

417282M) bhala eżekuturi testamentarji ta` Emilia Trapani Galea

u

Andre Bianchi (ID 629462M),

u

Il-Markiż Philip Apap Bologna (ID 259662M) u martu l-Markiża Corinne Apap Bologna (ID 593163 M), Peter Dei Conti Sant Manduca (ID 49966M) u martu Alexandra Dei Conti Sant Manduca (ID 434465M), Dr Lindsay Wood (numru tal-passaport Ingliż 403104483) u martu Dr Angela Wood (ID 0432359M), Steven Apap Bologna (ID 453967M), Roberto Apap Bologna (ID 447365M), Maria Apap Bologna armla ta` Anthony Apap Bologna, Gabriella Apap Bologna (ID 73576M), Carlo Apap Bologna (ID 42664M) u martu Marie Therese Apap Bologna (ID 750360M), Louis Apap Bologna (ID 701544M), Mariella armla tal-Maġistrat Dr. Joseph Apap Bologna, Il-Baruni Dr Carmel Apap Bologna Sceberras D'Amico Inguanez (ID 127939M), Marlene Attard Montalto mart Austin Attard Montalto (ID 460041M), Elizabeth Apap Bologna (ID 864750M), Christine Pedrotti

mart Tarcisio Pedrotti (numru tal-passaport Malti 589774), Marina Apap Bologna (ID 627553M), Michael Apap Bologna (ID 77443M), Christopher John Vassallo Cesareo (ID 92370M) u Francesca Cassar mart Stephen Cassar (ID 96873M)

-vs-

Infrastructure Malta u Bonnici Bros. Limited (C 3905) u b'digriet data 20 ta' Ottubru 2020 giet kjamata fil-kawza s-socjeta' Bonnici Brothers Services Ltd. (C57464)

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat illi permezz tieghu r-rikorrenti Franco Buttigieg et talbu kif isegwi :

1. 'Illi l-esponenti jippossjedu porzjoni art estensiva li tinsab fil-limiti tal-Imġarr magħrufa bħala l-Iskurvit liema art hija murija fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata bħala Dokument A;

2. Peress illi tali art fiha wkoll xi passaġġi rurali li wħud minnhom jidhru fir-ritratti hawn annessi u mmarkati bħala Dokument B;

3. Illi reċentement u senjatament mil-15 ta' Lulju 2020 'l hawn is-soċjetà konvenuta fuq struzzjonijiet ta` Infrastructure Malta għamlet diversi xogħolijiet billi waqqgħet uħud mill-ħitan tas-sejjiegħ, wittiet parti mill-passaġġ rurali u tefgħet il-konkoż bil-ħadid (resurfacing) u għamlu zvilupp fil-propjeta fil-pussess tal-esponenti u dan mingħajr il-kunsens u l-konsapevolezza tal-esponenti. (Vide ritratti ezebiti bħala Dok B);

4. Illi malli l-esponenti ntebħu huma mill-ewwel intimgħu lill-intimati biex jiddeżistu milli jkomplu jagħmlu tali xogħolijiet u anke informaw lil-Pulizija fl-Għassa tal-Mosta;

5. Illi t-tentattivi tal-esponenti sabiex l-intimati jirriprestinaw il-proprjetà tal-esponenti seħħew fix-xejn;

6. Illi tali aġir da parti tal-intimati jikkostitwixxi spoll klandestin u abbużiv.

Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

(i) Tiddikjara illi l-intimati kommettew spoll bi ksur tad-drittijiet tal-esponenti kif sanċiti fl-Artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili; u

(ii) Tikkundanna lill-intimati sabiex fi żmien qasir u perentorju u improrogabbli, jirriprestinaw il-proprjetà tal-esponenti taħt dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati kompriżi dawk ta` mandat ta` inibizzjoni li qed jiġi ppreżentat kontestwalment liema intimati

huma minn issa nġunti għas-subizzjoni u b'riżerva għall kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti.'

Rat ir-risposta Guramentata tal-Agenzija ghall-Infrastruttura Malta li taqra kif isegwi:

1. 'It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi mhux minnu li l-eccepjenti ikkommettiet spoll ghad-dannu tar-rikorrenti.

2. L-atturi jridu jippruvaw il-pussess taghhom u kif dawn allegatament sfaw spussessati.

3. F'kull kaz u minghajr pregudizzju, ma jirrikorrux f'dan il-kaz l-elementi mehtiega bil-ligi biex tista' tirnexxi l-azzjoni tentata mill-atturi.

4. F'kull kaz ukoll, l-eccepjenti ma wettqet ebda spoll, u lanqas agixxiet klandestinament kif qed jallegaw l-atturi fit-talbiet taghhom.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.'

Rat illi permezz ta' digiriet datat l-20 ta' Otturu, 2020 din il-Qorti laqghet it-talba ghall-kjamat fil-kawza tas-socjeta' Bonnici Brothers Services Ltd (C57464);

Rat ir-risposta Guramentata tas-socjeta' intimata Bonnici Bros Ltd (C-3905) li taqra kif isegewi:

1. 'Illi in linea preliminari s-socjeta' esponenti mhijiex il-legittimu kuntradittur stante li hija ma kienet bl-ebda mod involuta fix-xogholijiet deskritti fir-rikors promotur. Fil-fatt, kienet kumpanija ohra fi hdan Bonnici Bros Group, ossija Bonnici Bros Services Ltd li aggudikat il-kuntratt ta' appalt ta' Infrastructure Malta rigwardanti xoghlijiet fl-ambjent mertu ta' din il-kawza;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u b'referenza ghax-xhieda moghtija mill-Inginier Fredrick Azzopardi, CEO ta' Infrastructure Malta, waqt is-smiegh tal-Mandat ta' Inibizzjoni 1218/2020, l-atturi kollha jridu jippruvaw l-interess taghhom f'dawn il-proceduri;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt anki peress li ma jezistux l-elementi necessarji sabiex tirnexxi l-azzjoni mressqa mill-atturi;

4. Illi assolutament minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni u l-eccezzjonijiet sussegwenti, in kwantu l-azzjoni odjerna hija diretta kontra l-esponenti bhala l-allegat kuntrattur, tali azzjoni wkoll ma tistax tirnexxi stante li kuntrattur jagixxi biss fuq l-ordnijiet tal-persuna jew entita' li tkun qabbditu jaghmel ix-xogholijiet;

5. Illi l-esponenti qieghda topponi ghall-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.'

Rat ir-risposta Guramentata tas-socjeta' kjamata fil-kawza Bonnici Bros Services Ltd (C-57464) li taqra kif isegwi:

1. 'Illi b'mod preliminari l-atturi kollha jridu jippruvaw l-interess taghhom f'dawn il-proceduri;

2. Illi *di piu* l-azzjoni attrici fil konfront tas-socjeta eccipjenti hija kjarament perenta in kwantu ma saritx infra bimestre deduxisse kif jistipula l-Artikolu 535 tal-Kapitlu 16 tal- Ligijiet ta' Malta u ghalhekk qatt ma tista tirnexxi;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici ghandhom ukoll jigu michuda stante li ma jezistux l-elementi l-ohra necessarji sabiex tirnexxi l-azzjoni mressqa mill-atturi;

4. Illi assolutament minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu l-azzjoni odjerna hija diretta kontra s-socjeta eccipjenti bhala l-kuntrattur, tali azzjoni wkoll ma tistax tirnexxi stante li kuntrattur jagixxi biss fuq l-ordnijiet tal-persuna jew entita' li tkun qabbditu jaghmel ix-xoghlijiet;

5. Illi s-socjeta' esponenti esponenti qieghda topponi ghall-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.'

Rat l-affidavits, xhieda, dokumenti, kontro-ezamijiet, ritratti u provi kollha fl-atti.

Rat l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 1218/2020/LM annessi.

Wettqet access fuq il-post nhar it-2 ta' Gunju, 2022 verbal tal-istess a fol. 315 tal-process.

Rat illi fil-verbal datat 30 ta' April, 2024 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kawza odjerna tikkonsisti f'kaz ta' allegat spoll, vjolenti u klandestin fejn ir-rikorrenti lkoll bhala sidien komuni ta' passaggi rurali gewwa l-Imgarr, kif indikati fil-pjanti u ritratti esebiti fl-atti, jsostnu li l-Agenzija ntimata u s-socjetajiet intimati u l-kjamata fil-kawza wettqu xi xoghlijiet f'dawn l-istess passaggi, minghajr il-kunsens taghhom b'tali mod li huwa gew spussessati mill-proprjeta' taghhom. Jitolbu ghalhekk li din il-Qorti tiddikjara li sehh spoll fil-konfront taghhom u li tordna li jigi ripristinat l-istatus quo ante.

Illi apparti xi eccezzjonijiet preliminari dwar min hu l-legittimu kontradittur, id-difiza principali tal-intimati hija li ma jissusistux l-elementi sabiex tirnexxi l-kawza ta' spoll tentata mir-rikorrenti.

**Provi:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat is-site plan tal-art in kowistjoni esebita a fol. 7 tal-process. Rat ukoll ir-rtratti tal-istess u l-allegati xoghlijiet li kienu qed isiru a fol. 8 sa 10 tal-process.

**Rat l-affidavit tar-rikorrenti Franco Buttigieg a fol. 35 et seq tal-process.** Jibda biex jispjega kif it-tlett familji ndikati bhala lkoll rikorrenti huma sidien tal-artijiet in kwistjoni u kif konsegwenti ghall-kuntratt ta' divizjoni l-passaggi li jdawru dawn l-eghlieqi baqghu proprjeta' indiviza bejniethom. Jixhed kif huwa jmur spiss fuq il-post sabiex il-hafna bdiewa li ghandhom qbiela fuq din l-art ikunu jafu li s-sidien qed izzommu daqqa t'ghajn fuq il-proprjeta' taghhom. Dwar l-allegat spoll jixhed li sa Mejju 2020 huwa mar fuq il-post u ma ra xejn barra minn postu. Kien innota li kienu qed isiru xi xoghlijiet fil-vicinanzi ghaliex kien ra trakkijiet u makkinarju izda dan kien barra l-prorpjeta' taghhom. Dwar kif skopra l-allegat spoll jixhed:

'5. Kont ergajt mort inzur l-art fl-21 ta' Awwissu 2020 u dakinhar ukoll kont rajt it-trakkijet / makkinarju fl-istess post. Meta wasalt fit-triq maghrufa bhala Triq Tat-Taqsisa (illi tigi adjacenti mal-art taghna) sibtha maghluqa. Bqajt insuq u ndunajt illi fl-art ta' wiehed mill-fuq imsemmija passagg illi jinsab immarkat bl-ittra 'A' fuq il-pjanta annessa (Dok. FB3) kien inghata saff konkos. Jien bqajt insuq sakemm wasalt fil-bidu tal-passagg privat illi jinsab immarkat bl-ittra 'B' fuq il-pjanta annessa (Dok. FB3). Min hawn il-quddiem it-triq asfaltata kienet maqluggha ghax kien hemm makkinarju qed ihaffer xi trinek fit-triq. Indunajt ukoll illi l-ghalqa tal-kantuniera inti u diehel fil-passagg immarkat bl-ittra 'B' cioe' fuq il-lemin tieghi, kellha parti mil-hitan tas-sejjieh maqlughin u go l-ghalqa kien hemm diversi ingenji. Jidher illi din l-ghalqa kienet qed tintuza wkoll bhala mahzen mil-kuntrattur li kien qed jaghmel ix-xogholijiet. Jiena u niezel bil-mixi mill-passagg immarkat bl-ittra 'B' kont sibt xi haddiema illi milli kien jidher kienu mpjegati mal-kumpanija Bonnici Brothers. Dawn il-haddiema kienu qeghdin iwettqu xi xogholijiet f'dan il-passagg illi huwa mmarkat bl-ittra 'B' fuq l-istess pjanta, cioe' kienu geghdin ipoggu xibka tal-hadid illi fugha kien ser jitgieghed saff konkos. Dan kien fil-fatt diga' sar fuq in-naha ta' gewwa u ghalhekk parti mill-passagg kien diga' miksi bil-konkos.

Jidher illi waqt li kienu qeghdin jaghtu l-konkos kienu wkoll qed jordmu kemm il-hamrija fil-passagg u kemm parti mil-hitan tas-sejjiegh li jinsab mal-genb tal-passagg. B'dan illi parti mill-hamrija u mill-hitan tas-sejjiegh kienu geghdin jigu mirduma;

6. Nghid illi kemm il-passagg 'A' u kif ukoll il-passagg 'B' u dak immarkat bl-ittra 'C' fuq l-istess pjanta jiffurmaw parti mill-propjeta privata taghna;

7. Meta rajt x'kien qieghed jigri kont saqsejt lill-istess haddiem biex jieqfu. Il-foreman li kien persuna b'nazzionalita barranija kien infurmani illi huma kienu biss qed jaghmlu xogholhom u kien cempel immedjatament lil wiehed mid-diretturi ta' Bonnici Bros. Limited ma min jiena kont tkellimt u spjegajtlu li huma kienu qed jaghmlu xoghol bla permess fuq proprjeta' privata.

Is-Sur Bonnici kien infurmani li huma kienu ntbatu hemm minn Infrastructure Malta. Jiena cempilt mill-ewwel lil Infrastructure Malta u saqsejt ghal perit inkarigat mix-xogholijiet. Kont kellimt lill-istess Perit u infurmajtu bis-sitwazzjoni. Dan qalli li kien ser ikellimni lura minnufih. Kont cempilt ukoll lill Perit Ruben Aquilina illi huwa wiehed mill-Periti impjegat minn Bonnici Brothers li kien qalli li kienu qed jahdmu taht istruzzjonijiet moghtija minn Infrastructure Malta. Qalli wkoll illi kienu lesti jieqfu mix-xogholijiet jekk jinaghtu struzzjonijiet f'dan is-sens minn Infrastructure Malta. Kien cempilli lura l-Perit tal-Infrastructure Malta u kien assigurani illi x-xogholijiet kienu ser jieqíu immedjatament u dan gie kkonfermat ukoll mill-foreman gja msemmi hawn fuq illi kien prezenti fuq is-sit. Wara li nghatatli din l-assigurazzioni u I-haddiema bdew inehhu l-ghodda taghhom mill-passagg, jiena tlaqt minn fuq il-post;'

Izid li sussegwentement saret laqgha fl-ufficcju ta' Infrastructure Malta gewwa Hal Luqa fejn kien mar wara li kkonsulta mas-sidien l-ohra u l-intiza kienet li jinsistu li x-xoghlijiet jieqfu u li dak li sar jitregga lura. Jghid izda li waqt il-laqgha is-CEO Frederick Azzopardi cempel lil Peter Sant Manduca fuq il-mobile ghaliex mid-dehra kien jafu u skont l-istess Azzopardi dan qallu li Sant Manduca kien ta l-kunsens tieghu sabiex jitkomplew ix-xoghlijiet. Hu insista li ma kellhomx isiru xoghlijiet u li l-art kellha tigi

ripristinata u nghata assikurazzjoni li ma kienux ser isiru aktar xoghlijiet. Jghid izda li rega' mar fuq il-post fis-27 ta' Awwissu, 2020 u sab il-haddiema fuq il-post ghaddejjin bix-xoghlijiet u li x'hin qalilhom biex jieqfu dawn irrifjutaw. Il-pulizija baghtuh jaghmel rapport l-Ghassa tal-Mosta ghaliex sostnew li ma setghux iwaqqfuhom. Waqt li qed jaghmel ir-rapport il-Pulizija rceviet telefonata u nfurmatu li kontra dipartiment tal-Gvern ma setax isir ir-rapport. Jghid li wara dan kollu huwa nforma lill-ko-proprjetarji l-ohra Philip Apap Bologna, Nicky Bianchi u Francesco Apap Bologna u uhud mill-membri tal-familja Stilon u raw li ma kellhomx triq ohra ghajr li jistitwixxu proceduri legali. Sar mandat ta' inibizzjoni u nhar is-17 ta' Settembru 2020 l-Inginier Freerick Azzopardi ddikjara li ma kienux ser ikomplu x-xoghlijiet u fil-fatt waqfu. Jixhed li sentejn qabel, bdiewa fuq il-post kienu nfurmaw lill-Perit li marret tispezzjona l-art li l-art kienet privata w'ghalhekk kellha tkellem lis-sidien. Jaghlaq l-affidavit tieghu kif isegwi:

'21. Fl-ahhar nghid illi filwaqt illi ma ghandhomx jitkomplu l-imsemmija xogholijiet illi kienu geghdin jitwettqu minghajr kunsens fi propjeta' privata taghna, l-art taghna ghandha tigi wkoll repristinata billi jitnehha l-konkos u x-xoghol kollu illi sar abuzivament. Ghandhom, jigu wkoll repristinati l-hitan tas-sejjiegh kollha li gew affetwati mix-xogholijiet in kwistjoni, kemm dawk li jinsabufuq l-istess passaggi privati mmarkati 'A', 'B' u 'C' fuq l-annessi pjanti u kif ukoll dawk li jinsabu fuq partijiet ohra tal-istess art kull fejn saret xi hsara mill-intimati.'

Rat il-kuntratt ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Francis Micallef a fol. 40 et seq tal-process. Rat ukoll ir-ritratt mill-ajru a fol. 60 tal-process li jindika it-tlett passaggi koncernati bl-ittri A, B u C.

Franco Buttigieg xehed in kontro-ezami a fol. 371 et seq tal-process fejn jghid li fl-intier taghha l-art tar-rikorrenti tinsab imqabbla lil fuq minn mija u tlieta u ghoxrin (123) gabillott u dan ilu mis-seklu

tmintax. Il-passaggi in kontestazzjoni jaghtu ghal din l-art. Huma jafuha dejjem imqabbla. Is-sidien ma juzawhiex ghaliex hija mqabbla. Mistoqsi x'illegalitajiet kienu qed jaghmlu l-bdiewa jghid min bena xi villa, min izomm l-annimali u illegalitajiet ohra u jghid li issa bdew jiehdu passi kontra taghhom. Jghid li nduna bix-xoghlijiet hu mhux ghax qalulu l-bdiewa. Jikkonferma li gieli xi gabillott ilmenta mieghu dwar l-istat tat-triq.

Rat l**-affidavit tal-Perit Nicholas Bianchi a fol. 62 tal-process.** Jikkonferma dak li jixhed Franco Buttigieg fix-xhieda tieghu u jzid li:

'Inkompli nispjega illi meta sehh l-incident illi wassal sabiex ahna kellna nifthu din il-kawza kien kellimni Franco Buttigieg li kien spjegali x'kien gara fil-propjeta' taghna. Jiena kont htartu biex jirraprezenta is-sehem tal-familja Trapani Galea fi kwalunkwe laqgha jista jkollu in konnessjoni ma' dawn ix-xoghlijiet illi twettqu llegalment fua il-propjeta' taghna. L-intiza kienet illi l-istess xogholijiet illi kienu qeghdin jitwettqu minn Infrastructure Malta u I-kuntrattur taghhom kellhom jitwaqqfu, filwaqt illi dak illi kien lahaq sar kellu jitnehha u hekk il-propjeta' taghna tigi repristinata.'

Il-Perit Nicholas Bianchi xehed in kontro-ezami a fol. 393 tal-process. Jghid li huwa jaf l-art sew u jmur spiss. Mistoqsi l-passaggi bejn l-ghelieqi taghhom min juzahom jghid li dawn il-moghdijiet huma jawtorizzaw lill-inkwilini taghhom sabiex juzawhom. Mistoqsi x'illegalitajiet ghamlu l-bdiewa jsostni li waqqghu xi hitan, wessaw il-passaggi u poggew materjal bhala madum imkisser u bricks imkissier fuq il-passaggi. Qtt ma ra qatran jew tarmac. Qatt ma hadu passi ghaliex hadd ma jghid min ikun ghamel xhiex mill-bdiewa.

**Rat l-affidavit Philip Apap Bologna a fol. 64 tal-process** li jikkonferma dak lli xehed Franci Buttigieg u wkoll jixhed li hu kien

mar fuq il-post flimkien mieghu nhar il-21 ta' Awwissu, 2021. Jinsisti wkoll li l-art tal-passaggi in kwistjoni qatt ma giet esproprjata mill-Gvern.

Semghet u rat **ix-xhieda ta' Frederick Azzopardi, Kap Ezekutttiv ta' Infrastructure Malta datata 4 ta' Mejju, 2021 a fol. 80 A et seq tal-process.** Huwa jinsisti li bhala Awtorita' ma ghandhiex l-obbligu li tmur ghand is-sid biex tistaqsih tistax taghmel it-triq jew le. Jghid li dan kien japplika ghat-toroq in kwistjoni ghaliex huma toroq ezistenti, accessibbli ghall-bdiewa u qieghdin fiz-zona rurali fil-kampanja. Jghid li la darba nghataw il-fondi mill-process rikoruz tal-Unjoni Ewropea sabiex dawn il-passaggi jkun jista' jsir ix-xoghol fuqhom allura dawn jikwalifikaw bhala toroq ezistenti. Ikompli jixhed illi:

'Meta ghandek access pubbliku fejn ged jghaddu persuni biex jaccessaw ghalqa taghhom. Issa 1-ghalqa taghhom, humiex huma s-sidien jew huma tenants etc, jekk jaghmlu talba lilna l-ligi tghidlek li ahna ghandna l-obbligu li nista' ninforza fuq anki s-sidien ta dik it-triq u ngielhom jirrangawha huma biex tkun accessibli ghal dawn il-bdiewa. Fic-cirkostanza, minhabba li dawn kienu toroq li jghaqqdu ma' xulxin ma' toroq ohra ghal tal-bdiewa, ahna flok morna u infurzajna fuq is-sidien, applikajna ghall-fondi bhala ghajnuniet lil bdiewa. Hemm diversi ghajnuniet x'jinghataw lill-bdiewa, hitan tas-sejjjeh, trangar, etc. Fic-cirkostanzi anki titjib ghall-accessibilita' taghhom. Peress li hemm area shiha hemmhekk fil-parti tal-Imgarr applikajniha shiha ahna allura ghidna ejja mmorru b'dan il-process imma u din ghamilna cara meta kellna tal-mandat, fl-eventwalita' li se nkunu qeghdin ahna nigu mgieghla ghas-sahha tal-argument li jitnehha, se nkunu cari se nesigi fuq is-sidien ghax huwa l-obbligu taghna anki ninfurzaw fuqhom biex jaraw li dik it-triq, dik l-accessibilita' ghall-bdiewa, ghal bdiewa fic-cirkostanzi ghax hawnhekk hawn bdiewa, imma tkun tajba u jkunu jistghu ma jaghmlux hsarat anki biex jaccessaw ghall-eghlieqi taghhom.'

Jixhed li ma dehrlux li kellu jinforma lis-sidien li kienu ser isiru x-xoghlijiet. Jghid li waqt il-laqgha li kellu ma' Franco Buttigieg huwa sar jaf li wiehed mis-sidien kienet Peter Sant Manduca, cempillu u dan qallu li hu ma kienx jaf b'xejn b'li kien qed jaghmel Franco Buttigieg. Deherlu li la l-procedura tippermettilu jirranga t-toroq privati jew le, li kellu jibqa' ghaddej. Dwar permessi tal-Awtorita' tal-Ippjanar, jixhed li ghal toroq gia ffurmati m'ghandekx bzonn permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar izda permess ta' Transport Malta li kellhom. Jixhed li skont hu ma hemm l-ebda differenza bejn triq li minnha jghaddi hamsin bidwi u triq li jghaddu minnha elf bidwi. Jaqbel izda li t-toroq in kwistjoni jwasslu biss ghall-ghelieqi. Jikkonferma li ma pruvawx jaraw min huma s-sidien ghaliex skond hu ma kellhomx ghalfejn. Ikompli:

'Xhud: Kif spjegajt anki qabel, it-triq anzi huwa l-obbligu li tkun tas-sid, ta' min ghandu dik il-porzjon ta art u f'kazijiet fejn dak il-persuna ma jistax jixtri ghax qed jitolbuh gholi, jitolbu lilna biex nesproprjaw on behalf of third parties. F'din ic-cirkostanza m'ghandniex ghalfejn ahna niccekkjaw jekk hijiex tal-privat jew le. La darba huwa access, access pubbliku, jien kelli two options, option one nara jekk hijiex tal-privat u ninforza li jrid jirrangaha ghax il-bdiewa qed ibghatu, option two peress li t-triq tikkwalifika ghal fondi tal-Unjoni Ewropea ghax hija access ghall-bdiewa allura jiena mort ghat-tieni option ghax din it-triq kienet tissodisfa dawn il-kriterji.'

Jixhed li t-toroq ma ghandhom l-ebda sokor u kulhadd jista' jghaddi minnhom.

Semghet u rat il-kontenut tax-xhieda ta' Marthese Debono in rapprezentanza tal-Awtorita' tal-Ippjanar u ta' Omar Mizzi a fol. 299 et seq.

Rat id-dokumentazzjoni esebita mir-rikorrenti a fol. 121 et seq ntiza sabiex tevidenzja li d-derivazzjoni tal-proprjeta' in kwistjoni fuq is-sidien rikorrenti.

Rat **ix-xhieda ta' Alex Bonnici a fol. 294 et seq tal-process Direttur tal-kumpaniji intimati u kjamata fil-kawza**. Mistoqsi min ghamel ix-xoghol fis-sit in kwistjoni jghid li kienet is-socjeta' Bonnici Brothers Services Limited C 57464 u li t-tender kien jikkonsisti f'katusi tal-ilma tal-Water Services u 'relaying' tal-asfalt u konkos f'postijiet minnhom, postijiet asfalt u postijiet konkos. Jghid li x-xoghlijiet saru ghal habta ta' Lulju 2020 u x-xoghol dam madwar hamest'ijiem bejn iz-zewg toroq. Jikkonferma li l-ingenji li jidhru fir-ritratti huma tas-socjeta' intimata Bonnici Brothers Limited. Is-socjeta' kjamata fil-kawza hadmet bl-ingenji tas-socjeta' ntimata. Jixhed li huma ma kellhom xejn x'jaqsmu ma' twaqqiegh ta' hitan. Kien infurmah certu Roderick Caruana minn Infrastructure Malta biex jieqaf.

Rat in-nota ta' Bonnici Brothers Limited u Bonnici Brothers Services Limited a fol. 304 tal-process li permezz taghha giet esebita 'Letter of intent' li permezz taghha Insfrastructure Malta infurmat lil Bonnici Bros Services Ltd li l-offerta taghha fil-kuntest tal-kuntratt in kwistjoni kienet giet accetta (fol. 305) u korrispondenza dwar it-twaqqif ta' Bonnnici Bros Services Ltd. mit-tkomplija tax-xoghlijiet fl-inhawi mertu tal-kawza (fol. 306).

Rat l-affidavits tal-bdiewa David Bugeja, Charles Muscat u Jason Vella a fol. 308 et seq li lkoll jixhdu l-istess kif isegwi:

'Illi jiena nahdem ir-raba' fi Triq tat-Taqsisa, Mgarr Malta, mil-liema raba' jiena naqla' l-ghejxien tieghi. Jiena flimkien ma' biewa ohra ghamilna kuntatt mal-Agenzija ghall-Infrastruttura Malta sabiex it-triq li minnha naccessaw ir-raba' taghna titranga. Din it-triq qieghda fi stat dizastruz u qed naghmlu hsara lill-

vetturi taghna kull darba li nghaddu minnha biex nidhlu ghar-raba'. Flus biex nirrangawha ahna m'ghandniex imma peress li l-Agenzija taghmel t-toroq u taghmel toroq rurali ukoll, tkellimna maghhom.'

Rat ukoll il-firem ta' sittax-il bidwi li lkoll ikkonfermaw li huma kienu wrew interess li jsiru l-ucuh tat-toroq li jaghtu ghar-raba' li jaghmlu uzu minnhom a fol. 311 et seq tal-process.

**David Bugeja xehed in kontro-ezami a fol. 367 tal-process** fejn jixhed li hu jahdem l-ghalqa ta' Pawlu Buttigieg u li din hija franka ma tithallasx qbiela fuqha.

**Jason Vella xehed in kontro-ezami a fo. 369 tal-process** li jghid li hu wkoll jahdem l-ghalqa ta' Pawlu Buttigieg.

**Charles Muscat xehed in kontro-ezami a fol. 382 et seq tal-process**. Jghid li kienu marru xi nies minn xi dipartiment li qalulhom li kienu qed joffru li ssir it-triq u jghid li kienu qed jigbru l-firem. Il-qbiela tithallas lis-Sur Apap Bologna. Mistoqsi meta saret l-ewwel darba t-triq jghid li kienet saret madwar erbghin sena qabel, gab il-konkos il-Kunsill bil-permess tas-sinjur. Hu haseb li ser jaghmel xi haga ghall-gid li titranga t-triq ghaliex kienet spiccat.

Rat il-verbal tal-access li sar fuq il-post minn din l-istess Qorti nhar it-2 ta' Gunju, 2022 fejn hadet konjizzjoni tal-istat attwali tat-toroq/passaggi in kwistjoni.

Rat a fol. 319 il-pjanta bir-ritratti mehuda bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti waqt l-access imsemmi, liema ritratti juru t-toroq/passaggi mertu tal-kawza, inkluz ix-xoghlijiet li twettqu fihom sakemm dawn gew imwaqqfa.

Rat ir-ritratti mill-ajru a fol. 320, 321, 322 u 323 li juru l-istat tal-art in kwisjtoni fis-snin 1967, 1994, 2004, 2016 u 2022 minn fejn jirrizulta li l-passaggi in kwistjoni jidhru ilhom snin twal iffurmati.

Rat il-permess ghal xoghlijiet fit-toroq esebit a fol. 325 et seq tal-process mahrug mill-Kunsill lokali tal-Imgarr li jindika li x-xoghlijiet kellhom jinbdew fil-21 ta' Lulju, 2020 u jigu kompluti sal-24 ta' Novembru, 2020.

Rat ukoll il-kuntratt tat-Tender moghti lis-socjeta' kjamata fil-kawza a fol. 338 tal-process.

**Semghet u rat ix-xhieda tal-Perit Reuben Aquilina Project Manager ma' Bonnici Brothers**. Jghid li hu kien qed jiehu hsieb ix-xoghlijiet in kwistjoni li kienu jikkonsistu f'numru ta' toroq rurali fejn f'partijiet minnhom sar wicc tal-konkos u ohraj wicc tat-tarmak. Ix-xoghlijiet saru f'Awwisu, 2020 ghaliex il-kuntratt kien hareg f'Lulju. B'referenza ghat-toroq in kwistjoni ix-xoghlijiet waqfu lejn l-ahhar ta' Awwissu, 2020 wara li rcieva telefonata minghand Roderick Caruana minn Infrastructure Malta. Huwa talab li jinghata konferma bil-miktub li x-xoghlijiet kellhom jieqfu minhabba li kienu marbutin bil-kuntratt. Mistoqsi x'kien ix-xoghol li sar jixhed:

' . . . parti minnu kien naghmlu wicc ta' konkos fuq, u parti minnu kien naghmlu wicc ta' tarmac. Igifieri innaddfu t-toroq mill-haxix, fejn hemm bzonn irrangajna, imbaghad tajna ucuh ta' konkos, u tajna ucuh ta' tarmac.'

Qabel inbeda x-xoghol hu kien mar fuq il-post u t-toroq kienu kollha accessibbli. Jikkonferma li r-ritratti a fol, 8, 9 u 10 tal-process juru x-xoghlijiet li saru. Jinsisti li dawn kienu toroq rurali la darba wiehed seta' jidhol fihom bil-karozza. Mistoqsi jekk iccekkjax it-toroq kienux privati jghid li ma kienx hemm ghalfejn, ituhom pjanta

u jkollhom kuntratt u jimxu mal-pjanti. Jekk isib xi xatba jiccekkja izda f'dan il-kaz it-toroq kienu accessibbli. Hu ma jidholx f'verifiki ta' kuntratti.

**Semghet u rat ix-xhieda tal-Perit Adriana Zammit Perit ma' Infrastructure Malta datata 18 ta' Ottubru, 2022 a fol. 351 et seq tal-process.** Ix-xoghlijiet li kellhom isiru kienu ta' 'resurfacing' tal-ucuh tat-toroq u kellhom jghaddu servizzi. Partijiet mit-toroq kienu bl-asfalt, ohrajn imbattmin u ohrajn 'patched' bil-konkrit. Tghid li t-toroq kienu kollha accessibbli u ma kien hemm l-ebda xatba. Kienu tkellmu mal-bdiewa tal-lokal u t-toroq kienu jintuzaw minnhom. Saru hafna toroq rurali minn Infrastructure Malta sabiex jghinu lill-bdiewa jaccessaw ahjar l-ghelieqi taghhom bil-vetturi. L-istat tat-toroq kien hazin hafna u nghataw il-fondi tal-Unjoni Ewropea li tirrikonoxxi l-importanza ta' din l-ghajnuna. Ma wahhlu l-ebda xatba u lanqas wessghu xi toroq. Tichad li t-toroq gew iffurmati bix-xoghlijiet ghaliex it-toroq kienu jezistu, l-ucuh kienu bil-hamrija imbattma f'forma ta' triq. Tghid li ghal Infrastructure Malta l-fatt li wiehd jista' jaqbad u jidhol fit-triq minghajr ma hemm xatba allura hija pubblika, hija accessibbli ghal pubbliku. Tikkonferma li t-triq saret kollha imma waqfu f'nofs l-isqaq. Il-konkos wasal sa nofs l-isqaq.

**Bazi Legali:**

Illi l-elementi fil-kawza ta' spoll jirrizultaw mill-artikolu 535 (1) tal-Kodici Civili li jaqra kif isegwi:

"Jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, mnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, hija tista', fi zmien xahrejn mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terga' tigi mqieghda f' dak il-pussess jew

f'dik id-detenzjoni, kif jinghad fl-Artikolu 791 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Ċivili."

Illi skont l-artikolu 535 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-azzjoni ta' spoll vjolenti ghandha bhala elementi kostituttivi taghha tlett fatturi: il-pussess ***(possedisse),*** l-att spoljattiv ***(spoliatum fuisse)*** u dan l-att sar fi zmien xahrejn qabel ma giet intavolata l-azzjoni ***(infra bimestre deduxisse).***

L-*actio spolii* hija radikata fuq l-esigenza ta' utilita' socjali, intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat milli jiehu l-gustizzja f'idejh, b'dan li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat. Din l-azzjoni ghandha l-iskop li tassigura li jigi ripristinat l-ordni socjali li l-persuna li tkun vjolentement spussessata tigi qabel xejn reintegrata fil-pussess taghha: *Spoliatur ante omnia restituendum*. L-artikolu tal-ligi li jikkontempla din l-azzjoni huwa ta' ordni pubbliku u huwa inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma jkunx jista' jesercitah minghajr l-intervent tal-Qrati.[1]

Illi huwa magħruf ukoll li f'kawzi simili, l-indagini tal-Qorti ghandha tkun limitata sew. Fil-kawza fl-ismijiet Delia vs Schembri (deciza mill-Prim' Awla fl- 4 ta' Frar 1958) gie ritenut illi:

*'L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x'ikun, li jigi vjolentement jew okkultament mehud minghand il-possessur jew detentur, u gie deciz kemm-il darba li tapplika wkoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali, u hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jagħmel ghad-dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistax jeżercitah minghajr intervent tal-Qorti.'*

---

[1] *Ara Vol.XLII.II.973; Vol.LXXXII.II.79 u 500.*

Illi fi kliem Pacifici Mazzoni spoll vjolent huwa "qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato". (Vol III Sez. 52).

Illi fil-kawza Margherita Fenech vs Pawla Zammit (deciza fit-12 ta' April 1958) jinghad illi:

*'L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi impedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.'*

Illi kif ukoll gie ritenut:

*'Kif kellha okkazzjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra u kompliet tghid illi għalhekk indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux ġuristi u awturi Franċizi u Taljani huma għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku taghna'*(Cardona vs Tabone, Appel Civili, deciza fid-9 ta' Marzu 1992).

Konformament, gie ritenut ghar-rigward tal-element tal-pussess li:

*'All' attore in reintegrazione e' sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione ..'*[2]

Il-pussess li tirrikjedi l-ligi fl-ispoljat ghall-fini tal-azzjoni tar-reintegrazzjoni huwa kwalunkwe pussess 'materiale' u 'di fatto[3]'*:*

Spoll vjolent u abbusiv:

*'jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li mar proprio jmur kontra l-*

[2] Ara *Camilleri v Agius P A.20/10/1882.*

[3] *Ara Vol.XXXVII.I.280.*

*persuna spoljata'*[4]

u

*'neanche e permesso in queste cause di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo dominii o no perche' la legge non richiede che un possesso materiale di fatto.'*[5]

Ghalhekk pussess qualunque, anki purament materjali u *di fatto*, anche qasir hafna u sahansitra momentanju huwa sufficjenti, basta' jkun univoku u ma jkunx bazat fuq mera tolleranza.[6]

Illi dwar it-terminu ta' xaharejn fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet Trevor Arends et vs. Veronica Mizzi deciza nhar il-11 ta' Jannar, 2013 dik il-Qorti ddikjarat kif isegwi:

*'dan it-terminu ta' xahrejn huwa element, li kif gie deciz kemm-il darba, ghandu jigi pruvat mill-attur. Ir-rekwizit li l-azzjoni ta' spoll ghandha ssir fi zmien xahrejn mill-allegat spoll huwa rekwizit essenzjali li johrog mill-artikolu tal-ligi stess u l-gudikant ghandu jkun sodisfatt li dan jissussisti indipendentement minn jekk jitqajjimx fl-eccezzjonijiet jew le.'*

Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Imh. N. Cuschieri) f'Alfred Paul Farrugia nomine v. Peter Paul Cutajar, (13.02.2004) irriteniet illi:

*"Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jigix provat li l-azzjoni saret fi zmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privilegggjat ma tistax treggi."*

Aktar specifikatament f'Georgina Borg v. Errol Cassar et

---

4 *Ara Vol.XLI.II.1133.*

5 *Ara Vol.X-556;Vol.LXXXIII.II.76;Vol.XXXVII.I.28; Vol.XXXII.II.49.*

6 *Ara Vol.XXXII.II.642; Vol.LXXXIII.II.79.*

(21.10.2002) il-Prim' Awla (Imh. Ph. Sciberras) dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll qalet hekk:

*'Huwa veru li dan il-punt ma giex formalment eccepit, kif normalment u guridikament wieħed kien jistenna in bazi għal dak provdut fl-Artikolu 728 tal-Kap 12. B'danakollu 'it-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l- azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur. Prova li trid issir f'kull kaz ta' din ix- xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teccepixxi bhal dan il-kaz il-preskrizzjoni taghha bid-dekors tal-perjodu estentiv ta' xahrejn'.* (MichelAngelo Fenech nomine v. Alfred Camilleri, Prim' Awla, Qorti Civili, per Imh. Said Pullicino, 22 ta' Frar 1992).

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Legittimu kontradittur:-

Illi fl-ewwel lok il-Qorti taghmel referenza ghall-eccezzjoni tas-socjeta' intimata li mihiex il-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna ghaliex ssostni li x-xoghlijiet kienu qed isiru mis-socjeta' kjamata fil-kawza li nghatat it-Tender.

Illi dwar dan, il-Qorti rat fl-atti li meta r-rikorrent kellem lill-haddiema fuq il-post dawn indikawlu s-socjeta' ntimata Bonnici Brothers filwaqt li l-Perit rapprezentant taz-zewg kumpaniji kkonferma li fuq il-post kien hemm l-ingenji li jsejjhu lis-socjeta' ntimata Bonnici Brothers Limited u mhux lis-socjeta' kjamata fil-kawza. In vista ta' dan u stante li din hija kawza ta' allegat spoll, la darba fuq il-post tirrizulta cara l-presenza ta' haddiema li identifikaw ruhhom bhala ta' Bonnici Brothers Limited u

makkinarju tal-istess, il-Qorti tqis li ai fini ta' kawza ta' spoll l-interess guridiku taghha huwa sufficjentement ippruvat u ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni.

L-element tal-Pussess u l-allegat att spoljattiv:-

Illi r-rikorrenti jsostnu li huma gew spussessati mill-passaggi propjreta' komuni taghhom ghaliex skont huma saru diversi xoghlijiet fihom fuq struzzjonijiet ta' Infrastructure Malta fosthom li waqqghet uhud mill-hitan tas-sejjiegh, wittiet parti mill-passagg rurali u tefghet il-konkos bil-hadid (resurfacing) u ghamlu zvilupp fil-proprjeta' fil-pussess tar-rikorrenti.

Illi minn analizi tal-provi kollha fl-atti, kif anki suespost, il-Qorti teskludi mill-ewwel li l-intimati u l-kjamata jew xi hadd minnhom wettaq xi xoghlijiet fuq hitan tas-sejjieh. Fil-fatt dan gie eskluz mix-xhieda kollha li kellhom x'jaqsmu max-xoghlijiet fosthom periti. In oltre ix-xhud tar-rikorrenti l-Perit Nicholas Bianchi xehed in kontro-ezami li x-xoghlijiet fuq xi hitan saru mill-bdiewa u mhux mill-intimati/kjamata. Din l-allegazzjoni ghalhekk ma tirrizultax.

Illi dwar li gew imwittija partijiet mill-passaggi u ntefa' xi konkos fil-passaggi in kwistjoni, rrizulta mill-provi fl-atti li dawn l-imsejha passaggi ilhom iffurmati bhala toroq ghal zgur madwar erbghin sena (40) stante li originarjament kien l-istess Kunsill Lokali tal-Imgarr li provda materjal sabiex dawn gew iffurmati bil-konkos biex jigi ffacilitata l-access tal-bdiewa minn fuqhom. Rat ukoll illi dawn il-passaggi ma ghandhom xejn xi jwaqqaf l-access lil kulhadd ghal fuqhom b'dana li dawn ilhom accessibbli ghal kulhadd inkluz il-pubbliku in generali ghal ghexieren ta' snin. Fuq kollox din il-Qorti mir-ritratti fl-atti kif ukoll mill-access li sar fuq il-post rat li dawn il-passaggi bl-ebda mod ma gie llimitat l-uzu taghhom wara l-allegat xoghlijiet anzi pjuttost l-access u l-uzu taghhom gie facilitat bix-xoghlijiet ta' 'resurfacing' li lahaq sar fuqhom.

Illi ghalhekk jirrizulta lil din il-Qorti li filwaqt li r-rikorrenti qua sidien kienu jgawdu pussess, mhux esklussiv, ta' dawn il-passaggi tramite l-uzu li kienu jaghmlu huma u l-bdiewa li ghandhom il-qbiela minghandhom, wara x-xoghlijiet li rrizulta li saru mill-Agenzija ntimata jirrizulta lill-Qorti li s-sidien u l-bdiewa u l-pubbliku in generali xorta wahda baqa' jaghmel l-istess uzu identiku mill-istess passaggi/toroq u cioe' li jaccedi kemm bil-mixi kif ukoll bil-vetturi jew makkinarju.

Illi in vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti l-Qorti tqis li mill-atti kollha mkien ma jirrizulta li r-rikorrenti b'xi mod gew spussessati minn xi pussess li kienu qed igawdu jew li dan gie b'xi mod imnaqqas jew limitat, anzi pjuttost jirrizulta li gew agevolati bix-xoghlijiet li saru li thallsu minn fondi tal-Unjoni Ewropea.

Finalment, filwaqt li din il-Qorti tifhem l-animu li bih saret din il-kawza mir-rikorrenti u cioe' sabiex jigi evitat li b'xi mod jinftiehem li l-proprjeta' in kwistjoni hija proprjeta' tal-Gvern u mhux taghhom, tqis li la darba ma jirrizultax li l-pussess li kienu jgawdu r-rikorrenti b'xi mod gie mittiefes, din il-Qorti tqis li jkun futli li tmur oltre fl-analizi tar-rekwiziti l-ohra u ser tghaddi sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

**Spejjez:**

Illi dwar l-ispejjez, stante li din il-Qorti tqis li dak li wassal ghal din il-kawza kienet in-nuqqas ta' komunikazzjoni mhux gustifikata da parti ta' Infrastructure Malta mar-rikorrenti tqis li jkun ekwu u gust li r-rikorrenti jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez taghhom filwaqt li l-intimata Intrasftructure Malta taghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha tal-intimati u tas-socjeta' kjamata fil-kawza.

**Decizjoni:**

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti, din il-Qorti filwaqt li tgħaddi sabiex tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta′ ntimata, tgħaddi sabiex tilqa′ t-tielet eċċezzjoni tas-soċjeta′ Bonnici Bros Ltd. u tas-soċjeta′ Bonnici Bros Services Limited kjamata fil-kawża u tilqa′ l-eċċezzjonijiet kollha tal-Aġenzija ntimata sakemm dawn huma kompatibbli ma′ dak hawn deċiż u stante li tqis li l-elementi sabiex tirnexxi din il-kawża ta′ spoll ma ġewx kollha sodisfatti tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Fiċ-ċirkustanzi tal-każ odjern u għar-raġunijiet ġia suesposti, r-rikorrenti għandhom jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tagħhom filwaqt li l-Infrastructure Malta intimata għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha tal-intimati u l-kjamata fil-kawża.

**Moqrija.**

**Onor. Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta′ Marzu, 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**27 ta′ Marzu, 2025**